**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu, 2019**

**Talba Nru: 251/2018 PM1**

**Joseph Caruana and Company Limited (C5918)**

**Vs**

**Christopher Borg (ID Nru. 20273(M)) u Christals Services Limited (C17272)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa (5) ta' Gunju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-istess attrici s-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin euro u hames centezmi (€2026.05) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf hames mija u tmintax-il euro (€1518) valur tal-merkanzija konsenjata u r-rimanenti hames mija u tmien euro u hames centezmi (€508.05) huma interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenja relattiva

sal-ewwel ta' Gunju, 2018, salv interessi ulterjuri wara din id-data u dan fit-termini tal-invoice iffirmata minnkom jew tar-rapprezentanti taghkom, bl-ispejjez tal-prezenti procedura inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-ewwel (1) ta' Gunju, 2018 kif ukoll tal-ittra ufficjali a tenur tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 102/2017 datata hamsa (5) t'Ottubru, 2017 kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz senjatament *invoice* datata 27 ta' Marzu, 2014 (fol. 2 tal-process) *statement* datat 15 t'Ottubru, 2016 (fol. 3 tal-process), ittra interpellatorja (fol. 4 tal-process) u abboz tal-ittra ufficjali (fol. 5 u 6 tal-process).

Ra r-risposta tal-intimati li, permezz taghha, eccepew:

1. Illi l-ewwelnett, l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-.art. 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub fl-avviz mhuwiex dovut
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza
4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba hija impostata erroneament stante li s-socjeta` attrici qed titlob li tithallas somom ta' imghax fuq imghax u mhux sorte li fuqu jiddekorru l-imghax.
5. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ittra ufficjali numru 102/2017 prezentata a tenur tal-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma giet notifikata lill-intimati. Fil-fatt l-intimati ma rcevew ebda wahda mill-interpellazzjonijiet imsemmija fl-avviz relattiv.

Ra li waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru, 2018 it-Tribunal ordna li fis-seduta ta' wara jingabru l-provi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, jibda l-intimat.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Borg, ta' Dr. Michael Caruana u Alex Caruana waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018 u ddiferixxa l-kawza ghall-provi tal-partijiet fir-rigward tal-mertu wara li sema' li l-partijiet m'ghandhomx aktar provi xi jressqu fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Caruana waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar, 2019.

Ra n-nota datata 18 ta' Jannar, 2019 li permezz taghha giet ezebita vera kopja tal-ittra ufficjali datata 5 t'Ottubru, 2017 inkluzi r-referti relattivi.

Ra li waqt is-seduta tat-18 ta' Frar, 2019 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba ghall-hlas ta' prezz ta' merkanzija kkonsenjata mis-socjeta` attrici u imghaxijiet legali fuq l-istess.

Illi ghal tali talba l-intimati wiegbu billi fl-ewwel lok eccepew il-preskrizzjoni a tenur tal-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Tali artikolu jipprovdi illi - azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar. Mill-provi rrizulta li, oltre l-imghax mitlub fuq l-istess, is-somma mitluba tirreferi ghal merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici lill-intimati. Ma tressqet ebda prova li din il-merkanzija kienet intiza ghar-rivendita. Konsegwentement, filwaqt li jirreferi ghal dak li jinsab deciz

minn dan it-Tribunal (kif diversament presjedut) fit-12 t'April, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Aplan Limited v. 3 You Design Limited**, it-Tribunal iqis li f'dan il-kaz ukoll ma tressqu ebda provi li l-bejgh kien intiz bl-ingrossa imma rrizulta li kien wiehed semplici f'unitajiet limitati u minghajr dawk il-karatteristici tipici ta' bejgh bl-ingrossa. Konsegwentement isib ukoll li l-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili** huwa proprju dak li jindika t-terminu preskrittiv applikabbli fir-rigward tal-mertu tal-kawza odjerna koncernenti proprju bejgh bl-imnut ta' *appliances* domestici.

Illi f'dan ir-rigward jehtieg illi ssir referenza ghal dak li jinsab ukoll provdut taht l-art. 2160(1) tal-**Kodici Civili** li, kif ricentement emendat, jipprovdi li:

> *"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."*

Is-subartikolu (3) tal-istess artikolu jkompli li:

> "*il-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur*

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz b'mod partikolari mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-17 ta' Jannar, 2018 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Topcar Limited** fejn l-istess Onorabbli Qorti traccjat l-izvilupp legizlattiv fir-rigward tal-gurament decizorju u b'mod partikulari nutat li:

> "*Permezz ta' din l-emenda:*

*(1) il-gurament jiehdu l-eccipjent bilfors u mhux jagħżel li jiddeferihulu l-kreditur billi minn dan il-lat l-ewwel emenda baqghet l-istess*
*(2) tnehhiet il-htiega tal-ghoti tar-ragunijiet, ghajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur.*"

Illi fil-kaz in ezami l-intimat Christopher Borg xehed minn rajh u qal is-segwenti: "*Nghid li l-ammont mitlub m'huwiex dovut la minni u lanqas mill-kumpanija tieghi Crystals Services Limited*".

Illi ghat-Tribunal xhieda bhala din hija sufficjenti sabiex tissodisfa dak mehtieg a tenur tal-art. 2160, avut rigward ghal dak li jinsab deciz mill-Qrati Taghna u cioe` li, kif jirrizulta car anke mill-principju *ubi lex voluit dixit*, min jeccepixxi l-preskrizzjoni m'ghandux ghalfejn jaghti raguni ghalfejn huwa jikkunsidra li m'huwiex debitur, salv fil-kazijiet fejn il-Gvern ikun kreditur taht il-proviso tal-art. 2156.

Illi ulterjorment skont il-provi prodotti f'dan il-kaz jirrizulta li l-kreditu pretiz mill-attur huwa naxxenti minn konsenja ta' merkanzija avvenuta fis-27 ta' Marzu, 2014 (ara f'dan is-sens *invoice* a fol. 2 tal-process u xhieda moghtija minn Michael Caruana fl-20 ta' Novembru, 2018). L-azzjoni odjerna giet intavolata fil-5 ta' Gunju, 2018 u cioe` ben oltre t-terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar applikabbli ghall-kaz skont l-istess art. 2148(b) tal-**Kodici Civili**. Ukoll skont il-provi prodotti ma rrizultax li tali terminu preskrittiv gie b'xi mod interrott jew sospiz. Irrizulta car li l-ittra ufficjali datata 5 t'Ottubru, 2017 (u ezebita a fol. 45 et. seq. tal-process) li, xorta wahda giet intavolata ben oltre t-terminu preskrittiv, baqghet qatt ma giet notifikata lill-intimati jew min minnhom. Huwa minnu li l-istess Caruana jirreferi ghal istanzi fejn l-intimat Borg allegatament kien iwiegeb it-telefonati tas-socjeta` attrici u jwieghed li ser ihallas l-ammont mitlub. Madanakollu ma tressqet l-ebda prova dwar meta sar dan id-diskors da parti tal-intimat sabiex jigi stabbilit jekk tali telefonati setghux effettivament jammontaw ghal rinunzja ghat-termini kollha ta' preskrizzjoni li ddekorru mill-konsenja (gjaladarba ma tistax issir rinunzja bil-quddiem

tal-preskrizzjoni kif espressament provdut taht l-art. 2108 tal-**Kodici Civili**). Perdipiu` huwa l-istess Caruana li jikkonferma li kien hemm istanzi fejn Borg « *ma kienx jirrispondi u drabi ohrajn ukoll kien jaqta' l-linja* » u kwindi, fi kwalunkwe kaz, jirrizulta nieqes l-element ta' inekwivokabilita` mehtieg ghal tali rinunzja.

Huwa kwindi car li l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati timmerita li tigi akkolta. It-Tribunal ser jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet salv illi jinnota li ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ma tista' tigi b'xi mod meqjusa bhala inkompatibbli ma' dik preliminari tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati u jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta a tenur tal-art. 2148(b) tal-Kodici Civili, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**